**23 ta' Ġunju 1967.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, B.A., K.M., LL.D., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S., Viċi-President**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Vincent Mizzi

*versus*

Catherine sive Katie Rogers

**Appell — Appellabilità — Kwistjoni ta' Fatt.**

*Jekk fond kienx mikri għall-abitazzjoni jew bħala ħanut, għalhekk mhux soġġett għas-sindakat tal-Bord hija kwistjoni ta' fatt li mhux appellabili.*

Il-Qorti, rat ir-rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera.

Rat id-deċiżjoni ta' dak il-Bord tat-18 ta' Mejju, 1967 li biha, billi mir-rapport tal-membri tekniċi tal-Board, anness ma' d-deċiżjoni, jirriżulta li l-kera xieraq huwa ta' £21 għall-bare premises, u mir-relazzjoni tal-irkantatur jirriżulta li l-valur tal-mobbli hu ta' £38.8.6. u għalhekk il-15 fil-mija jammonta għall-£4.15.4. b'kollox ħamsa u għoxrin lira ħmistax il-xelin u nofs £25.15.6, stabilixxa l-kera għall-£25.15.6. fis-sena mill-10 ta' Jannar, 1967 jitħallas bix-xahar bil-quddiem; riparazzjonijiet interni ordinarji għall-inkwilin, u ordna li l-ispejjes jitħallsu kollha mill-intimat kompriż id-dritt tal-irkantatur.

Rat ir-rikors li bih l-imsemmija Catherine sive Katie Rogers appellat minn dik id-deċiżżjoni u talbet li tiġi revokata billi jiġi deċiż illi l-lokazzjoni tal-fond "Phone House" mhix sindakabbli mill-Bord u hekk mhix passibbli għat-trazzin, bl-ispejjes kontra l-appellat.

Rat ir-risposta ta' l-appellat.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħat it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Apparti eċċezzjonijiet oħra, l-appellat issolleva preliminarjament l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità peress illi, fis-sottomissjoni tiegħu, dan mhux kas li jidħol fil-kategorija ta' deċiżjonijiet appellabbli msemmija fl-artikolu 25 (1) (a) u (b) tal-Kapitolu 109 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-eċċezzjoni tidher fondata skond l-imsemmija dispożizzjonijiet dan hu kaz li fih mhux ammess l-appell ħlief fuq punt ta' dritt deċiż mill-Board.

Issa l-aggravju ta' l-appell hu esklużivament appoġġjat għall-kwistjoni ta' fatt li dwaru ma qamet ebda kwistjoni quddiem il-Bord u ma saru ebda provi. Il-każ quddiem il-Bord jidher li mexa l-ħin kollu fuq l-asunt illi l-fond in kwistjoni kien dar ta' l-abitazzjoni u mikri bħala tali. Ebda riliev kuntrarju ma sar da parti ta' l-appellanti li anqas biss offriet li tixhed jew xehdet hi stess nonostanti li kien hemm diversi differimenti, wara l-ewwel appuntament, sa kemm ingħatat id-deċiżjoni: fost dawn id-differimenti dak tas-7 ta' Marzu, 1967 sar "għar-relazzjoni ta' l-irkantatur u provi li jkun hemm bżonn". Intant, kif intqal, ma jidher li saret ebda talba da parti ta' l-appellanti biex tixhed jew biex tipproduċi provi.

Hija ovvjament *mera* kwistjoni ta' fatt, dipendenti mill-provi, jekk il-kiri tal-fond kienx għall-użu tiegħu bħala dwelling house jew, kif issa qiegħda *tissottometti* l-appellanti, għal xi użu ieħor.

F'dawn iċ-ċirkostanzi ċertament ma jistax jingħad illi hemm fid-deċiżjoni tal-Board xi punt ta' dritt deċiż fiha.

Għal dawn il-motivi, u bla tidħol f'kunsiderazzjonijiet oħra, il-Qorti tilqa l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità, u kwindi tiddikjara l-appell *irritu u null* bl-ispejjes kontra l-appelanti.